

**Domanda preliminari**

Fil-każ ta' klawżola kuntrattwali li tgħaddi lill-konsumatur obbligu ta' ħlas li legalment huwa tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, l-iżbilanċ imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jirriżulta mis-sempliċi fatt li obbligu ta' ħlas li legalment huwa tal-bejjiegħ jew tal-fornitur huwa mgħoddi lill-konsumatur, jew il-fatt li d-Direttiva teżiġi li l-iżbilanċ huwa sinjifikattiv jimplika, fost oħrajn, li r-riperkussjoni ekonomika fuq il-konsumatur għandha tkun sinjifikattiva meta mqabbla mal-ammont totali tal-operazzjoni?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (ir-Renju Unit) fis-16 ta' Mejju 2012 — Specsavers International Healthcare Ltd, Specsavers BV, Specsavers Optical Group Ltd, Specsavers Optical Superstores Ltd vs Asda Stores Ltd**

(Kawża C-252/12)

(2012/C 227/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Specsavers International Healthcare Ltd, Specsavers BV, Specsavers Optical Group Ltd, Specsavers Optical Superstores Ltd

*Konvenuta:* Asda Stores Ltd

**Domandi preliminari**

(1) Fil-każ fejn operatur ikun proprjetarju ta' reġistrazzjonijiet distinti ta' trade marks Komunitarji għal

(i) trade mark figurattiva

(ii) trade mark verbali

u jużahom it-tnejn flimkien, tali użu jista' jikkostitwixxi użu tat-trade mark figurattiva għall-finijiet tal-Artikoli 15 u 51 tar-Regolament Nru 207/2009<sup>(1)</sup>? F'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, kif għandu jiġi evalwat l-użu tat-trade mark figurattiva?

(2) Ir-risposta tkun differenti jekk:

(i) it-trade mark verbali hija sovrapożizzjonata fuq l-element figurattiv?

(ii) l-operatur irreġistra wkoll, bħala trade mark Komunitarja, it-trade mark ikkombinata komposta mill-element figurattiv u mit-trade mark verbali?

(3) Ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domandi tiddependi minn jekk l-element figurattiv u l-kliem jitqiesux mill-konsumatur medju (i) bħala sinjali distinti; jew (ii) li kull wieħed minnhom għandu rwol distintiv indipendenti? F'dan il-każ, sa fejn?

(4) Meta trade mark Komunitarja ma hijiex irreġistrata bil-kulur, iżda l-proprjetarju tagħha jkun għamel użu sostanzjali minnha b'kulur jew b'kombinazzjoni ta' kuluri partikolari, b'mod li, għall-parti kbira mill-pubbliku (f'parti u mhux fl-intier tal-Komunità), tali trade mark saret assoċjata ma' dan il-kulur jew ma' din il-kombinazzjoni ta' kuluri, il-kulur jew il-kuluri li juża l-konvenut għas-sinjal inkwistjoni huma rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali (i) tal-probabbiltà ta' konfużjoni skont l-Artikolu 9(1)(b), jew (ii) tal-vantaġġ inġust skont l-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009? F'dan il-każ, sa fejn?

(5) F'każ li r-risposta tkun fl-affermattiv, il-fatt li l-konvenut stess huwa assoċjat, fil-parti l-kbira tal-pubbliku, mal-kulur jew mal-kombinazzjoni tal-kuluri partikolari li huwa juża għas-sinjal inkwistjoni huwa rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali?

<sup>(1)</sup> ĠU L 78, p. 1.

**Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2012 minn Volkswagen AG kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-63/09, Volkswagen AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-260/12 P)

(2012/C 227/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Appellanti:* Volkswagen AG (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. Drzymalla, S. Risthaus, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-63/09.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa intiż kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-63/09, li permezz tagħha din tal-aħħar ħadhet ir-rikors ta' Volkswagen AG kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Diċembru 2008 (Każ R 749/2007-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Volkswagen AG u Suzuki Motor Corporation.

L-appellanti tinvoka l-aggravji segwenti:

- difett proċedurali minħabba ksur tad-dritt għal smiġh kif ukoll minħabba żnaturament tal-fatti;
- ksur tad-dritt tal-Unjoni, minħabba applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 8(2)(a) u 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade marks.

Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-appellanti għal smiġh xieraq u żnaturat il-fatti, billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti ppreżentati mill-appellanti. Kuntrarjament għall-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, l-appellanti ppreżentat biżżejjed informazzjoni dwar it-tifsira deskrittiva tad-denominazzjoni SWIFT fil-lingwa Inġliża. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni biżżejjed l-informazzjoni pprovduta mill-appellanti dwar id-differenzi fl-użanzi kummerċjali tad-denominazzjoni "GTI" f'pajjiżi individwali.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ħadhet b'mod żbaljat l-argument tal-appellanti, li sostniet li kienu rreġistrati, bħala trade marks distintivi, it-tliet trade marks li jinkludu l-ittra "I" li ġew irreġistrati bħala li għandhom karattru distintiv. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' proċedura xierqa billi attribwixxiet valur probatorju differenti għal reġistrazzjoni ta' trade mark. Kien hemm ksur tad-dritt tal-appellanti għal smiġh xieraq peress li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-argumenti tagħha insostenn għall-karattru uniku tad-denominazzjoni "GTI".

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti tal-kawża billi akkużat b'mod żbaljat lill-appellanti li naqset milli ttiprovdi informazzjoni suffiċjenti dwar l-infurzar legali tal-marka "GTI". Il-Qorti Ġenerali lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-argument tal-appellanti dwar is-saħħa probatorja, li minnha l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni silet l-użu kummerċjali allegat fl-Isvezja.

Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009, u għalhekk kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja għandha tiġi miċħuda jekk trade mark preċedenti teżisti f'wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tagħha hemm probabbiltà li tiġi konfuża mat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali eżaminat "l-UE fl-intier tagħha" u għalhekk inkorporat aspetti minn pajjiżi li fihom tali protezzjoni tat-trade mark ma teżistix. Dan imur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f"Matratzen Concord" <sup>(1)</sup>.

Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea billi kklasifikat id-denominazzjoni "GTI" bħala indikazzjoni deskrittiva ta'

natura teknika, minkejja li din id-denominazzjoni hija rreġistrata bħala trade mark f'numru ta' Stati Membri. Huma l-awtoritajiet nazzjonali biss li għandhom jiddeċiedu dwar it-tifsira deskrittiva ta' trade mark fit-territorji rispettivi tagħhom. Huwa biss jekk issir applikazzjoni għall-kanċellazzjoni ta' trade mark mir-reġistru li korp tal-Unjoni Ewropea jista' jieħu inkunsiderazzjoni l-invalidità ta' trade mark nazzjonali fl-evalwazzjoni ta' jekk hemmx probabbiltà ta' konfużjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali b'mod inġust stabbilixxiet kriterji ġodda għall-evalwazzjoni tal-pożizzjoni individwali ta' element fit-trade mark ikkontestata. Barra minn hekk, hija kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea billi sostniet li t-trade mark infisha ma hijiex suffiċjenti għall-konsumaturi sabiex jiddeterminaw l-orijini kummerċjali tal-prodotti, u l-konsumaturi jfittxu informazzjoni mhux relatata mat-trade mark irreġistrata, b'mod partikolari indikazzjonijiet dwar min immanifattura l-prodotti. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet għall-probabbiltà ta' konfużjoni fil-kuntest ta' serje ta' trade marks, peress li ħadhet iż-żieda tat-trade mark "SWIFT GTI" mas-serje ta' sinjali tal-appellanti "Golf GTI" u "Lupo GTI".

<sup>(1)</sup> Digriet tat-28 ta' April 2004 fil-Kawża C-3/03 P, Matratzen Concord, Ġabra p. I-3657.

### Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2012 minn Annunziata Del Prete kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tas-27 ta' Marzu 2012 fil-Kawża T-420/10, Giorgio Armani vs UASI

(Kawża C-261/12 P)

(2012/C 227/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Appellanta: Annunziata Del Prete (rappreżentant: R. Bocchini, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Giorgio Armani SpA, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tal-appellanta

- tannulla totalment is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2012 tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u, tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mit-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Lulju 2010 u nnotifikata fid-19 ta' Lulju 2010, peress li hija f'osservanza u applikazzjoni totali tas-sistema prevista mir-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari tal-Artikolu 8(1)(b) invokat biss fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B1309485